21 ta' Novembru 2014
128/2014

**ĊELEBRAZZJONIJIET GĦALL-FESTA TA' KRISTU RE**

**IL-KNISJA F'MALTA TIRRINGRAZZJA LILL-ARĊISQOF EMERITU PAWLU CREMONA**

**Data: Il-Ġimgħa 21 ta' Novembru**

Post: Teatru Salesjan, Tas-Sliema

Ħin: 7:00 p.m.

L-attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' Kristu Re ser jibdew illejla fis-7.00 p.m., b'attività għall-adoloxxenti fit-Teatru Salesjan, Tas-Sliema. Matul din l-attività ser ikun preżenti l-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P., li l-Knisja f'Malta ser tirringrazzja permezz taċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-sena.

**Data: Is-Sibt 22 ta' Novembru**

Post: Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar

Ħin: 4:00 p.m.

Għada, is-Sibt, it-tfal ser jinġabru fis-Santwarju tal-Ħniena Divina, in-Naxxar, għall-Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Tfal u li ser tiġi ċċelebrata mill-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona. Fl-4.00 p.m. il-membri tal-Kummissjoni Djoċesana Tfal ser jippreżentaw lill-media CD ġdida bl-isem "Vuċi Waħda", li tinkludi kant u mużika għat-tfal u li tista' tindaqq waqt il-Quddies għat-Tfal li jsir fil-parroċċi. Il-kant sar mill-kor tat-tfal tad-Djoċesi, taħt id-direzzjoni ta' Carlos Vella li kiteb ukoll il-kliem u l-mużika.

**Data: Il-Ħadd 23 ta' Novembru**

Post: Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

Ħin: 5:30 p.m.

L-attività ewlenija ser issir f'jum il-festa ta' Kristu Re, b'ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fil-5.30 p.m. Il-Quddiesa ser titmexxa mill-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P., filwaqt li l-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, ser iwassal ir-riflessjonijiet tiegħu fl-omelija. Il-Quddiesa ser tixxandar fuq Radju RTK.